KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Nru. 27.2016**

Data: Tlieta 19 ta' Lulju 2016

Ħin: 19.30 p.m.

Post: Bini Amministrattiv tal-Kunsill

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Edwin Vassallo** | **Sindku** |
| **Is-Sur Ivan Bartolo** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Alexander Muscat** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Keith Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mario Sammut** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Gianluca Busuttil** | **Kunsillier** |
| **Dott. Karl John Tanti** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mark Micallef** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Joseph Gatt** | **Kunsillier** |
| **Is- Sur James Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is Sur Michael Mifsud** | **Kunsillier** |

**Skużati**

| | |
|---|---|
| **Dott Angele Rapa** | **Kunsillier** |
| **Is-Sa Maria Pia Bonnici** | **Kunsillier** |

**Assenti**

| | |
|---|---|
| **Dott. Rachel Tua** | **Kunsillier** |

**Aġenda:**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 26
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;

5. Ordnijiet tal-ġurnata
   - Onoreficenza Ġieħ il-Mosta
6. Approvazzjoni
   - Skeda ta pagamenti
   - Purchase Orders
   - Works Orders
   - Petty Cash
7. Aġġornament.

Il-laqgħa bdiet 7.45 ta' filgħaxija.

**1. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 26**

Il-minuti tas-sitta u għoxrin (26) Laqgħa b'Urġenza li saret nhar Ħamis 30 ta' Ġunju 2016 ġew approvati b'mod unanimament.

**2. Punti Mqajjma mill-Minuti**

**2.1 Minuta 2.2**

Is-Sindku spjega li pjanti ta żewġ proġetti li ser isir mill-PAMA ġew emendati u ser nirċevuhom u ser ssir diskussjoni. Is-Sindku poġġa kommunikazzjoni fuq il-mejda li l-Kunsill għadda mingħand d-diretturi tal-PAMA, kif ukoll mal-Perit Charles Buhagiar.

Is-Sindku poġġa ukoll ittra li għaddeja mas-CEO tal-Lidl, minħabba li mill-fond tal-Community Gain kellha tinbena roundabout u għada ma saritx. Il-Kunsill qiegħed jitlob sabiex tittieħed azzjoni u ssir din ir-roundabout . Il-membri qablu unanimament.

**2.2 Minuta 2.4**

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill rċieva mill-Bord tal-evalwazzjoni li smiegħ ser ssir fit 28 ta' Lulju 2016.

**2.3 Minuta 3.1**

Is-Sindku qal li ser terġa tintbagħat reminder lil Transport Malta fuq Belisha Lights ta' Triq Ragusa.

**2.4 Minuta 3.2**

Is-Sindku qal li fi Triq Santa Margerita għandha titkisser il-bankina eżistenti biex jinbeda ix-xogħol . Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**2.5 Minuta 3.4**

Dwar Triq Charles Vassallo is-Sindku qal li ser jinforma lill-perit sabiex imur fuq il-post u b'hekk tinħareġ BOQ dwar din it-triq Charles Vassallo.

**3.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**3.1** Is-Sindku ressaq il-pjanti li bagħat il-Perit Etienne rigward il-każ ta Triq Baskal Buhagiar. Il-Kunsill qabel li għandha tibda konsultazzjoni mar-residenti tal-istess toroq.

3.2 Is-Sindku ressaq il-pjanti li bagħat il-perit tal-Kunsill rigward il-proposti u l pjanti tal-lift eżistenti u sezzjoni fuq il-lift ġdid. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3.3 Is-Sindku ressaq il-pjanti li bagħat il-perit tal-Kunsill fuq il-proposta ta Triq il-Gnejna . Il-Kunsill qabel li din il-proposta għandha ssir mill-fondi tal-UIF.

3.4 Is-Sindku qara ittra li ntbagħtet mill-elletorat fejn infurmawna li l-isem propost jiġifieri minn Triq is-Sgħajtar sa Triq San Anton Abbati tiġi imsemmija Triq Mons Paolo Mallia għaddiet u ġiet ppubblikata fil-gazzetta tal-gvern ta nhar il-Ġimgħa 8 ta' Lulju .

Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lir-residenti sabiex ikunu infurmati bil-bdil ta l-isem ta Triq.

3.5 Is-Sindku qara kopja ta ittra li rċiċeva minn Trasport Malta fejn bagħtu ittra lir resident ta parti minn Triq ix-Xitwa u parti minn Triq ir-Rebbiegħa sabiex jinfurmawhom li ser ssir xogħol ta kostruzzjoni sabiex ikunu avżati.

3.6 Is-Sindku ressaq id-draft lill-Kunsill rigward tender tal-knis għall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill.

3.7 Is-Sindku nforma lill-membri li ser ssir laqgħa ma Projects Malta ġewwa sala tal-Kunsill rigward il-parkeġġi fil-Mosta.

3.8 Is-Sindku nforma lill-membri li ser ssir laqgħa ta konsultazzjoni Pubblika nhar is-26 ta' Lulju 2016 rigward il-bidla tat-traffiku fi triq il-Kungress Ewkaristiku u parti minn Triq il-Kbira .

3.9 Is-Sindku nforma lill-membri li cekk ta' Hectors Ironmongery kien sar u ntbagħat lil Hectors Ironmongery .

3.10 Is-Sindku ressaq email li kienet intbagħtet mill-GRTU fejn qalulna illi huma qed jaqblu mal-bidla tat-traffiku ta Triq il-Kungress Ewkaristiku u parti minn Triq il-Kbira.

3.11 Is-Sindku ressaq email lill membri tal-Kunsill rigward Kaz 359/2016 fejn id Dipartiment tal-Gvern Lokali talab lill Kunsill jekk għadux ser iwettaq il-proġett tal-lift li jaqa taħt il-fondi kapitali. Is-Sindku nforma lill membri li l-Kunsill wieġeb id-domandi li sarulu mid-Dipartiment fejn infurmahom li dan il-proġett għadu irrid jitwettaq u li l-kunsill irrid japplika għall-permessi meħtieġa u tinħareġ tender . Il-Kunsill għandu tħejjijiet għaddejjin mal-perit u l-enġiniera tiegħu.

3.12 Is-Sindku qara email li ircieva mingħand Care Malta fejn qegħdin jistednu lill membri tal-Kunsill sabiex iżuru Casa Apap Bologna nhar is-Sibt 23 ta' Lulju 2016 fill-11.00 ta filgħodu.

3.13 Is-Sindku qara email mingħand Transport Malta fuq diversi proġetti –

- *A study on the locations for the deployment of the National Electric Vehicle charging point network*
- *The introduction of national e-car/car sharing service*
- *The introduction and deployment of a national e-bike sharing system*

*Is-Sindku qal lill membri li ser jidiskuti dawn il-punti ma Chris Camilleri peress li jieħu ħsieb l-affarijiet ta Trasport Malta.*

3.14 Is-Sindku qara email li l-Kunsill irċieva rigward mingħand il-bord tal-kuntratti pubblici fejn qegħdin jinformaw lill Kunsill li smigħ in konnessjoni mal-oġġezzjoni minn Northern Cleaning fir-rispett tat-

tender KLM T/04/2015 ser ssir nhar il-Ħamis 28 ta Lulju fl-9.45 ta 'filgħodu.

TI-K

## 4.0 Korrispondenza

### 4.1 Korrispondenza Nru 1 – Talba għal bini ta' water culvert u għoti ta tarmac ġewwa Triq Il-Wied

Is-Sindku ressaq il-korrispondenza fuq talba għal parkeġġ tal-ħin ġewwa Triq il-Wied. Is-Sindku qal li għandha tintbagħat reminder lil Michael Cohen .

### 4.2 Korrispondenza Nru 2 – Eye sore Re Monument magħmul miż-Żgħażagħ

Waqt din il-laqgħa ġie deċiż sabiex dan il-monument jitneħħa minn Triq Karlu Darmanin u jitpoġġa ġewwa Skola Marija Regina Sekondarja . Il-kunsill għandu jieħu parir mill-perit tal-Kunsill sabiex minflok il-monument jsir parkeġġ.

### 4.3 Korrispondenza Nru 3 – Ħmieġ u Ħamiem fi Triq il-Kungress Ewkaristiku /Petizzjoni mir-residenti

Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill ġie deċiż li għalissa ma tistax tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar din il-problema tal-ħamiem fi triq imsemmija qabel ma jingħata parir mill-Awtoritajiet konċernati.

### 4.4 Korrispondenza Nru 4 – Parkeġġ għal persuni b'diżabilita

Il-sindku qara korrispondenza fuq il-parkeġġ tad-diżabilita. Is Sindku qal li din il-materja għandha tiġi diskussa ma Transport Malta. Is–Sindku għandu jitkellem ma s-Sur Chris Camilleri fuq din il-materja.

### 4.5 Korrispondenza Nru 5 – Biex Triq Mons Mikiel Azzopardi issir two way

Is-Sindku nforma lill-membri dwar talba li l-Kunsill irċieva minn Triq Mons Mikiel Azzopardi tiġi two way . Is-Sindku nforma lill-membri li hu jmur fuq il-post sabiex jevalwa din it-talba .

**5.0 Ordnijiet tal-ġurnata**

**5.1 Onorefiċenza Ġieħ il-Mosta**

Is-Sindku ressaq il-programm ta Jum il-Mosta fuq il-mejda għall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsillli jibda mis-6 ta' Settembru sat 18 ta' Settembru 2016. Anness 1.

Is-Sindku ressaq ukoll formola ta nominazzjoni tal gieh il-mosta fejn din l-applikazzjoni għandha timtela u titpoġġa ġo kaxxa sa mhux aktar tard mit-Tnejn 22 ta' Awwissu 2016 sa nofsinhar. Anness 2.

Is-Sindku ressaq ukoll regolamenti fejn kien hemm bdil fuq proposta 10 . Anness 2.

Is-Sindku ressaq ukoll tagħtif dwar l-unuri .Anness 3.

**6.00 Approvazzjoni**

**Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**7.00 Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **Tlieta 23 ta' Awwissu 2016.**

Laqgħa spiċċat fl-10.30 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Data: 23/8/2016

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

# NOMINAZZJONI għall-ONORIFIĊENZA ta' ĠIEĦ il-MOSTA / RIKONOXIMENT il-MOSTA 2016

Lis-Segretarju Eżekuttiv
Kunsil Lokali
Mosta

Data: ___________

Sur Segretarju,

Jiena _____________ li noqgħod ______________________________________________

________________________________________________________________

karta ta' l-identita nru. _________ nixtieq nipproponi lil _______________________

Nru ta' l-identita ________________ ta' ________________________________________

sabiex jiġi kkunsidrat għall-unur ta' Ġieħ il-Mosta/Rikonoximent il-Mosta. Jiena jidhirli illi din il-persuna tista' tikkwalifika għal dan l-unur prestiġjuż għal dawn ir-raġunijiet li ser insemmi:

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

______________________________________

Għoddni tiegħek,

Proponent

**Sekondanti**

| | Isem | Indirizz | Firma | ID Card Nru |
|---|---|---|---|---|
| 1 | | | | |
| 2 | | | | |
| 3 | | | | |
| 4 | | | | |
| 5 | | | | |

Din l-applikazzjoni trid timtela' kollha, tiġi indirizzata lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv u tintefa fil-kaxxa apposta fl-uffiċini tal-Kunsill sa mhux aktar tard mill-nofs inhar tat-Tnejn 22 ta' Awissu 2016.

Ma' din l-applikazzjoni għandu jintbgħat ritratt tal-persuna nominata, Curriculum Vitae u jinkiteb wkoll għalfejn min qiegħed jinnomina u jisskeonda jaħseb li din il-persuna għandha kwalitijiet meħtieġa sabiex tingħata dan Ġieħ il-Mosta/Rikonoximent il-Mosta 2016.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Bdil fil-Proposta numru 10 – Qasam Soċjali**

Qed nipproponi li l-Unur Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent jingħataw lil persuni li jkunu ddistingwew b'eċċellenza fl-oqsma:-

a) Kulturali
b) Filantropiku
c) Sportiv
d) Akkademiku
e) Umanitarju
f) Volontarju

Il-Kunsill għandu jara wkoll li jkun hemm dawn il-kategoriji ta' persuni li jingħataw Rikonoxximent :-

g) Tifel jew tifla Mosti/Mostija li huma ta' ispirazzjoni u motivazzjoni għal tfal oħra Mostin.
h) Żagħżugħ/a li ħalla/ħalliet impatt fil-komunita'
i) Anzjan/a li bil-ħidma tagħhom servew ta' eżempju u qdew dmirhom b'onesta', b'effiċjenza, diliġenza u altruwiżmu.
j) Ex-Membru fil-Kunsill (ex-Kunsillier jew ex-Sindku) li servew lil komunita' u ħarġu bl-unuri kollha.

**Regolamenti**

1. Għal Ġieħ il-Mosta, il-persuna/persuni jkunu meħtieġa li ilhom joqogħdu ġewwa l-Mosta mhux anqas minn għaxar snin u li taw ġieħ jew isem lil Mosta.

2. L-ebda membru mill-komunita' ma jikkwalifika għall-għoti, f'każ li għadhom jokkupaw kariga eżekuttiva li għandhom. (Eżempju Arċipriet, Deputat jew Kunsillier jew f' xi kariga ta' kumitat etc)

3. In-nominazzjon kemm fl-għoti tal-Ġieħ u dawk tar-Rikonoxximent għandhom isiru fuq formola maħruġa mill-Kunsill. Minbarra Curriculum Vitae, għandu jikkiteb ukoll fil-qosor, għalfejn min

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

qiegħed jinnomina u jissekonda jaħseb li din il-persuna għandha l-kwalitajiet meħtieġa sabiex tingħata dan ir-Rikonoxximent jew ġieħ.

4. Kulħadd għandu dritt jipproponi. Mhux eskluż li membru fil-Kunsill jinnomina lil xi persuna/i għal dawn l-unuri.

5. Nominazzjonijiet jistgħu isiru minnindividwi jew grupp, la darba dawn ma jkunux membri ta' l-istess familja li jkunu qrib tal-persuna nominata.

6. In-nominazzjonijiet m' għandhomx jibqgħu validi għas-snin ta' wara.

7. Dawn ir-rikonoxximenti u il-Ġieħ jingħataw waqt serata li l-Kunsill iħejji għal Jum il-Mosta.

8. Id-deċiżjoni tal-Kunsill li jagħti ġieħ jew Rikonoxximent għanda jittieħed vot sigriet mill-Kunsilliera preżenti waqt dik il-laqgħa li fiha tkun assenjata fl-aġenda, il-vot tal-ġieħ.

9. Id-dekorazzjoni tikkonsisti f'midalja, imnaqqxa fuqha l-Arma tal-Mosta, il-motto u kliem "Ġieħ il-Mosta" jew "Rikonoxximent". Tingħata wkoll Diploma għall-mertu bis-siġill uffiċċjali tal-Kunsill.

10. Il-Kunsill Lokali għandu jirrikonoxxi u jfakkar lil dawn il-Mostin li jieħdu dawn l-unuri billi jżomm reġstru uffiċċjali ta' dawn l-onorati u li jiġu mistiedna għall-attivitajiet uffiċċjali tal-Kunsill bħala mistiedna distinti.

11. Is-Sindku għandu d-dmir li jara li l-persuni nominati jkunu denji tal-Ġieħ jew ir-Rikonoxximent li j kunu qegħdin jiġu nnominati għalih. Kemm il-darba is-Sindku jara li xi persuna mhijiex denja li tkunu nominata għal Ġieħ jew Rikonoxximent għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill qabel ma jittieħed il-vot.

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Programm – XAHAR TA SETTEMBRU - JUM IL-MOSTA 2016**
**MOSTA SOLIDALI ... Daqqa t'id u azzjoni għall-ġid ta xulxin!**

***Is-Sibt 10 ta' Settembru, 2016***
*Lejla tad-Divertiment fil-Bidnija – Entertainment Night*
Ħin: 6:00p.m Tibda Quddiesa
*7.00 – 8.00 p.m. – Tombla*
*8.00 p.m. ' il quddiem jiġi riservut l-ikel*

Ser jinbiegħu l-biljetti tal-ikel li jinkludi trasport mill helpers tal-Mosta Solidali.

***Il-Ħadd 11 ta' Settembru, 2016***
*Quddiesa Komunitarja*
*Ħin: 9:30a.m*
*Fil-Knisja Arċipretali*

Quddiesa bis-sehem tal-Kunsill Lokali, l-għaqdiet Mostin u l-komunita' Mostija. Ringrazzjament l'Alla għall-ħidma fil-komunita' bil-għan li ntejbu l-ħajja tar-residenti Mostin.

***Il-Ħamis 15 ta' Settembru, 2016***
*Ħarġa Soċjali: Pellegrinaġġ fil-Girgenti*
*Ħin: 9:00a.m*

Ħarġa soċjali b'differenza lejn il-Girgenti . Tibda biż-żjara fis-Siġġiewi fid-dar ta' Ġuża Mifsud fost oħrajn. Biljetti jinkisbu mill-Kunsill Lokali u mill-helpers tal-grupp tal-Mosta Solidali fejn ser ssir quddiesa.

***Il-Ħamis 15 ta' Settembru, 2016***
*Mosta Solidali*
*Ħin:7.00p.m*
*Post: 'Casa Apap Bologna'*

Għall-ewwel darba ser tkun qed issir Attivita Soċjali għal Persuni b'Diżabilita u l-ġenituri tagħhom organizzata mill-Kunsill Lokali flimkien mall-Kumpanija HILA li qed tmexxi Villa Apap Bologna.

Tinkludi wkoll laqgħa ta' informazzjoni dwar il-ħidma u l-attivitajiet tal-proġett Mosta Solidali fix-xhur li ġejjin. Fuq kollox sejħa lil dawk il-Mostin li jridu jkunu ta' għajnuna għal ħuthom Mostin li jridu jagħtuhom daqqa t'id.

***Il-Ġimgħa 16 ta' Settembru, 2016***

***Serata Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximent***
*Ħin: 7:30p.m*
*Fil-Parking Area ta' ħdejn il-Knisja Arċipretali*

Serata bit-tema tat-Tama, bil-għan li twassal lil dawk kollha preżenti messaġġ reali fid-dinja llum. Tislima lill-Ommna l-Mosta permezz ta' Onorofiċenza u Rikonoxximenti lil dawk uliedha li jistħoqilhom dan il-Ġieħ.

Nieħdu din l-okkażżjoni li fiha nfakkru l-anniversarju minn meta Mosta saret komunita' awtonima u din hija l-okkażżjoni li fiha niċċelebraw l-altruwiżmu u l-valur sabiħ tal-volontarjat fil-Mosta. Għal din ir-raġuni ser jingħataw Ġieħ il-Mosta u Ġieħ tar-Rikonoxximent fil-Mosta.

**Il-Ħadd 25 ta' Settembru 2016**
***100 years of Scouting in Mosta***

Il-Mosta Scout Group ser ifakkru il-Mitt sena mill-Ħidma tagħhom fil-Komunita' tal-Mosta. Ser issir attivita' speċjali fejn numru ta' Scout Groups oħra ser jingħaqdu flimkien mall-Mosta Scouts Group. Għal din l-attivita' hija mistiedna wkoll l-Eċċelenza Tagħha il-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca.

*9.30 a.m.* - Quddiesa fil-Knisja Arċipretali
10.45 a.m. – Tibda l-parata tal-iScouts lejn l-Oratorju Qalb ta' Ġesu'

***It-Tnejn 26 ta' Settembru, 2016***
*Laqgħa Ġenerali Annwali*
*Ħin: 7:30p.m*
*Fis-Sala tal-Komunita'*

Laqgħa Ġenerali Annwali, fejn jingħata rendikont tax-xogħlijiet u l-ħidma fil-Kunsill matul is-sena 2015/16. Jingħata wkoll rendikont finanzjarju. Din il-laqgħa hija opportunita' għal kull resident Mosti biex jagħti s-suġġerimenti u l-kummenti, sabiex jiġu kkunsidrati fit-tfassil ta' l-estimi finanzjarji tal-istess Kunsill għas-sena li ġejja.

**Dan l-avviż isservi bħala stedina sabiex tiġu u tieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet.**